# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DEĊIŻJONI PRELIMINARI NRU. 2362

Każ Nru 3294/FM

Fit-Tilwima tax-Xogħol

bejn

Union Ħaddiema Magħqudin

u

Malta Public Transport Services

(Operations) Ltd

*dwar: union recognition*

Data: 11 ta' Frar 2015

**Chairman: Franco Masini**

**Membri: Claudine Cassar**

**Paul Abela**

Fl-ewwel seduta ta' din it-Tilwima, fit-28 ta' Jannar 2015 Dr Karl Briffa f'isem is-Soċjetà Intimata ssoleva l-punt li qabel ma jidħol fil-mertu tal-każ it-Tribunal għandu jiddeċidi jekk il-kategorija ta' *drivers* għandhomx jikkwalifikaw bħala *separate bargaining unit* jew le. Dr Ian Spiteri Bailey f'isem il-Union irritjena li l-ewwel li għandu jiddeċiedi t-Tribunal huwa jekk il-Union għandhiex il-maġġoranza tad-*drivers* bħala membri tagħha konformament mat-*terms of remit*.

It-Tribunal huwa tal-fehma li l-ewwel għandu jiddeċiedi preliminarjament jekk id-*drivers* tas-Soċjetà Intimata għandhomx ikunu *separate bargaining unit*. Hemm bilanċ delikat bejn id-dritt ta' ħaddiema li jkunu rappreżentati minn Union li jixtiequ waqt li l-Prinċipal ma jkunx affaċċjat minn numru ta' Unions li separatament ifittxu *recognition* b'mod li jkun hemm frammentazzjoni tal-prinċipju ta' *collective bargaining*. It-Tribunal huwa tal-fehma li frammentazzjoni mhix fl-interess la tal-ħaddiema u lanqas tal-prinċipal. Fl-istess ħin it-Tribunal ma jħossx li għandu jfixkel lill-ħaddiem milli jkun membru ta' liema Union jixtieq jew saħansitra jagħżel li ma jkun membru ta' ebda Union. It-Tribunal Industrijali diversament kompost kien elenka kriterji li għandhom jgħinu biex grupp ta' ħaddiema f'ażjenda jkunu jistgħu jiffurmaw *appropriate bargaining unit*. Dawn huma bażikament

tlieta: (1) kwalifiċi li jkollhom il-membri tal-grupp, kwalifiċi li jiddistingwuhom minn ħaddiema oħra tal-istess ażjenda, (2) id-dmirijiet li li jkunu jaqdu u li jiddistingwuhom minn ħaddiema oħra, u (3) li l-kariga tagħhom ma tkunx riżultat ta' progressjoni awtomatika minn kariga oħra inferjuri.[1]

Fit-Tilwima in eżami t-Tribunal irid jiddeċidi preliminarjament jekk id-*drivers* tas-Soċjetà Intimata għandhomx jiffurmaw *a separate bargaining unit*. Apparti mill-fatt li dawn il-ħaddiema jikkonformaw mal-linji gwida kif elenkati iktar qabel irid jingħad li jiffurmaw il-qalba tal-impjegati tas-Soċjetà Appellata li hija kumpanija tat-trasport u għalhekk huma l-iktar grupp prominenti tagħha. Jirriżulta wkoll li kif ġie ikkonfermat fl-ewwel seduta huma l-uniku grupp fis-Soċjetà Appellata li jgawdu minn *Collective Agreement* u hawnhekk ġa ġew effettivament identifikati bħala grupp separat.

It-Tribunal Industrijali jiddeċidi li d-*drivers* jiffurmaw *a separate bargaining unit* u għaldaqstant għandhom id-dritt li jkunu hekk rikonoxxuti. It-Tribunal issa jgħaddi biex ikompli jisma' u jaqta' l-każ skond l-ewwel parti tat-*terms of remit* cioe' jekk id-*drivers* huma fil-maġġoranza tagħhom membri tal-UĦM.

| | | |
|---|---|---|
| ft/Franco Masini | ft/Claudine Cassar | ft/Paul Abela |
| Chairman | Membru | Membru |

Vera kopja

Mary Rose Galea

A/Segretarja

[1] Tribunal Industrijali Deċiżjoni Nru 2178 tal-10 ta' Ottubru 2012 fil-Każ GWU vs Tug Malta Ltd